MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 215/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Anna Micallef Babola**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Sciberras datat 16 ta' Frar 2010 (Dok. "A"), is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Anna Micallef Babola.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Anna Micallef Babola fis-somma ta' mija u tlieta u tletin elf, hames mija u wiehed u tmenin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€133,581.81), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Anna Micallef Babola mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-6 ta' Frar 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament billi Anna Micallef Babola

(a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Anna Micallef Babola li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-atturi nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuta Anna Micallef Babola giet interpellata permezz ta’ ittra ufficcjali datata 25 ta’ April 2013, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok “C”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dok. “A”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Anna Micallef Babola (a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Anna Micallef Babola li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Anna Micallef Babola thallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ mija u tlieta u tletin elf, hames mija u wiehed u tmenin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€133,581.81), bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Account*” ta’ Anna Micallef Babola mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B2”), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-6 ta’ Frar 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ ittra ufficjali datata 25 ta’ April 2013, kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm Anna Micallef Babola kienet debitament notifikata, din baqghet ma ressqet ebda twegiba ghall-kawza u lanqas dehret ghas-smiegh.

Semghet lix-xhud Rose Cortis.

Rat li, ghalkemm moghtija l-fakoltà li tressaq sottomissjonijiet bil-miktub, l-intimat baqghet ma ressqet ebda sottomissjoni.

Rat l-atti kollha.

Rat li t-talbiet tal-Bank rikorrenti jinsabu pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u dan kemm permezz tad-dokumenti esibiti kif ukoll ix-xhieda viva voce.  Ghalhekk ghandhom jintlaqghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha ta' Bank of Valletta p.l.c. kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Anna Micallef Babola.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------